MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 681/2002/1

**Eurocraft Limited**

**Vs**

**Noel Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disgha mija u tnejn u sebghin lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm972.66), rapprezentant bilanc ta' prezz ta' materjal ta' injam u xoghol ezegwit mis-socjeta attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha ddikjara li:

1. Ix-xoghol ta' l-ghamara ma sarx skond is-sengha u l-arti u kien hemm diversi difetti li kellhom jittrangaw.

2. Minghajr pregudizzju ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm180, valur ta’ xoghol li sar mill-konvenut fuq inkarigu tas-socjeta attrici.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. Jibda biex jinghad li b’riferenza ghat-tieni eccezzjoni, fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2002 is-socjeta attrici kkonfermat li mill-ammont mitlub ghandha titnaqqas is-somma ta’ mija u tmenin lira Maltija (Lm180) hlas dovut *“ghal xoghol li nghatajna minghand il-konvenut”* [ara xhieda ta’ Sandro Pecorella]. B’hekk l-ammont pretiz huwa ta’ sebgha mija u tnejn u disghajn lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm792.66).

2. Il-fatti tal-kaz huma:

- bejn Gunju u Lulju 1998 il-konvenut ghamel ordna xoghol ta’ l-injam minghand is-socjeta attrici. Dan kien jinkludi skrivanija bi xkaffar sabiex jitqieghed apparat ta’ *recording* go fiha;

- Sandro Pecorella kien ha l-qisien tad-daqs ta’ l-ghamara li kellha tinhadem;

- Sar ukoll dizinn ta’ l-ghamara li kellha tinhadem (fol. 12);

- Ghal habta ta’ Novembru 1998 saret il-konsenja.

- Il-konvenut qal li qatt ma ghamel uzu minn din il-unit ghaliex id-daqs ma kienx konformi ma’ l-apparat li ried jitqieghed fiha. Qal ukoll, *“jiena ma hadt l-ebda passi biex din il-unit tigi depozitata taht l-awtorita tal-Qorti”*.

- Il-kont inhareg fit-8 ta’ Frar 1999 (fol. 11) ghas-somma ta’ elf mija u hmistax-il lira Maltija u disgha u

erbghin centezmu (Lm1115.49). Minn dan l-ammont thallset is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fil-21 ta' Dicembru 1999 (ara ricevuta Dok. NC1). Fil-21 ta' April 1999 inhareg invoice iehor (fol. 13) ghas-somma ta' sebgha u hamsin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm57.17) ghall-bejgh u konsenja ta' *"swivel armchair"*.

 Fit-13 ta' Ottubru 1999, il-konvenut baghat ittra lis-socjeta attrici fejn ikkonferma li: ***"as agreed, I shall effect payment as follows in three equal payments starting from November, 30 th, December 21st, and January 31st 2000"*** [fol. 14].

3. Fil-fehma tat-Tribunal l-agir tal-konvenut bl-ebda mod ma jindika li huwa kellu xi ilment fuq ix-xoghol li nhadem u gie kkonsenjat mis-socjeta attrici. Il-weghda ta' hlas li ghamel il-konvenut permezz ta' fax datata 13 ta' Ottubru 1999 ( fol. 14) zgur li m'huwiex agir li jindika li l-konvenut kellu xi ilment dwar l-oggetti li xtara minghand is-socjeta attrici. Anzi fl-ittra huwa stess ikkonferma li l-partijiet kienu waslu ghal ftehim dwar il-modalita tal-hlas minghajr ma jinghata l-ebda hjiel li kellu xi ilment dwar ix-xoghol mahdum u kkosenjat. Ma jistax ma jissemmix ukoll li din l-ittra intbaghtet hafna zmien wara li kienet giet ikkonsenjata l-ghamara in kwistjoni. Sahansitra il-konvenut hareg ukoll *post dated cheques* li baqghu ma ssarfux. Dan apparti l-fatt li mill-provi rrizulta li l-konvenut zamm ix-xoghol ghandu u qatt ma ha ebda passi kontra s-socjeta attrici (ezempju: ma ddepozitax l-ghamara taht l-awtorita tal-Qorti u/jew b'xi mod interpella lis-socjeta attrici biex tirrimedja ghal dan l-allegat ilment). Ma jistax ma jissemmix ukoll li mill-invoices (fol. 11 u 13) jirrizulta li din l-iskrivanija ma kenitx l-uniku xoghol li gie kkonsenjat lill-konvenut. Mill-provi rrizulta li anke l-oggetti l-ohra baqghu ma thallsux salv ghall-hlas akkont ta' mitejn lira Maltija (Lm200). It-Tribunal jemmen li kien biss wara li s-socjeta attrici bdiet tinsisti ghall-pagament li l-konvenut ressaq l-ilment tieghu.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta'

sebgha mija u tnejn u disghajn lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm792.66), bl-imghax mid-data tal-konsenja.

Spejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------